**Nru. 924**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skond l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 05852/09

Post: Sit fl-impjant tar-riċiklaġġ Tas-Sejba,
Triq Tas-Sejba, L-Imqabba

Proposta: Proposta għall-bini ta' impjant għar-riċiklaġġ ta' skart tal-kostruzzjoni, ġo barriera li m'għadhiex tintuża.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-8 ta' Jannar 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-17 ta' Lulju 2012.

**No. 924**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 05852/09

Location: Site at Tas-Sejba Recycling Plant,
Triq Tas-Sejba, Mqabba

Proposal: To construct building waste recycling plant in disused quarry.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 8th January 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 17th July 2012.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ġenerazzjoni ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jinħoloq mill-proġett kemm waqt il-bini u kif ukoll waqt l-operat mhux se jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. L-iskart mill-operat se jkun ġestit permezz ta' permess għall-operat. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be produced by the project during construction and operation of the project are not likely to be significant considering the nature of the project. Operational waste will be managed through an operational permit.* |
| Storbju, vibrazzjonijiet u impatt fuq il-kwalità tal-arja | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma ta' natura temporanja, u m'huma mistennija ebda impatti sinjifikanti meta titqies li s-sit diġà huwa wieħed industrijali u li m'hemmx wisq riċetturi sensittivi fil-viċinanzi immedjati. |

| | |
|---|---|
| | Waqt l-operat, id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) tindika li l-impatti tal-istorbju se jkunu ftit li xejn minħabba li s-sit huwa magħluq ġo barriera u jinsab imdawwar minn barrieri oħrajn. It-trabijiet, storbju u vibrazzjonijiet se jkunu mmonitorjati permezz ta' kundizzjonijiet xierqa fil-permess tal-iżvilupp u fil-permessi għall-ambjent. |
| *Noise, vibrations and impact on air quality* | *Noise and vibrations during construction are of a temporary nature, and no significant impacts are envisaged given the already-existing industrial nature of the site and the relatively few sensitive receptors in the immediate vicinity.*<br><br>*During operation, the PDS indicates that noise impacts will be minimal since the site is enclosed within a quarry and is surrounded by other quarries. Dust, noise and vibration emissions shall be monitored through appropriate conditions in the development permit and environmental permit.* |
| Tniġġis tal-ilma tal-pjan u fil-wiċċ | Mhumiex mistennija impatti sinifikanti, u l-ġestjoni xierqa ta' materjali li jistgħu jniġġsu (eż. żjut) skont il-proċeduri statutorji għandhom ikunu biżżejjed biex jitnaqqsu l-effetti fuq l-ambjent u fuq l-ilma tal-pjan. Dan l-aspett se jkun infurzat permezz tal-mekkaniżmi tal-permessi għall-iżvilupp u għall-operat. |
| *Groundwater Pollution and Surface Runoff* | *No significant impacts are envisaged, and the proper management of potential pollutants (e.g. oils) in accordance with statutory procedures is expected to be sufficient to minimise effects on the environment and on groundwater. This aspect will be enforced through the development permitting and operational permitting mechanisms.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

L-4 ta' Settembru, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

4th September, 2012

**Nru. 925**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)**
**(KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

**No. 925**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 04. 09. 2012 | €42.632 | €0.808 |

L-4 ta' Settembru, 2012

4th September, 2012